MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 1858/2002

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Norwich Union International Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Guzeppi Chetcuti ghan-nom u in rapprezentanza ta' Austria Tabak (Malta) Limited abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Guzeppi Chetcuti nomine**

**vs**

**Raymond Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' mija u erbgha u tmenin lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm184.29), danni sofferti mill-

assikurat tas-socjeta attrici Guzeppi Chetcuti noe, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta attrici Fogg Insurance Agencies Limited salv ghal excess ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) imhallas mill-istess Guzeppi Chetcuti noe, bhala rizultat ta’ l-incident tat-traffiku li sehh fl-24 ta’ Mejju 2001 ghall-habta tal-10.00 a.m. gewwa Triq l-Arcisqof Mattei, Isla bejn il-vettura propjeta ta’ l-attur bin-numru KBB 369 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta’ registrazzjoni FAV 032, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragni, negligenza u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha kkontesta l-ammont li qieghed jintalab il-hlas tieghu.

Semgha x-xhieda.

Semgha t-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

1. Il-kawza titratta incident tat-traffiku li sehh fl-24 ta’ Marzu 2001 gewwa Triq l-Arcisqof Mattei, l-Isla.

2. Mir-risposta li giet prezentata mill-konvenut jirrizulta bic-cjar li huwa m’huwiex jikkontesta r-responsabbilta ghall-incident meritu tal-kawza.

3. Il-kontestazzjoni tal-konvenut hija limitata ghal *quantum* tad-danni li l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas tieghu u peress li huwa ma giex mgharraf li l-vettura bin-numru KBB 369 kienet ser tissewwa.

4. Huwa maghruf li min isofri danni ghandu l-obbligu li jimminimizzahom u mhux izidhom. Il-hsara fil-vettura bin-numru KBB 369 kienet fuq il-*mudguard* tal-lemin (ta’ quddiem) u l-*indicator* [ara l-okkorrenza li saret mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz].

5. L-atturi pprezentaw *survey report* li sar minn Alfred Farrugia (fol. 18). Dan iccertifika x'kienet il-hsara li saret fuq il-vettura propjeta ta' l-attur nomine. Mill-provi jidher bic-cjar li l-ispejjez saru skond ma jinghad f'dan ir-rapport. Fl-ebda stadju ta' dawn il-proceduri ma tressqu xi provi biex jikkontrobattu din il-prova. Inoltre, it-Tribunal huwa tal-fehma li s-somma ta' mija u erbgha u tmenin lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm184.29) hija wkoll wahda ragonevoli u bl-ebda mod ezagerata. L-atturi pprezentaw ukoll kopja tar-ricevuti tal-hlas li sar ghat-tiswija.

6. Jekk kif ighid il-konvenut ried ikun jaf kemm kienu ser jiswew l-ispejjez sabiex ikun jista' jirregola ruhu kellux jaghmel *claim* ma' l-insurance, kellu kull interess li ma jhallix l-affarijiet reqdin qiesu qatt ma gara xejn. Messu ha hsieb ikkomunika ma' l-attur nomine sabiex jirregola ruhu. Il-fatt li huwa ma giex mgharraf mill-attur nomine bl-ebda mod ma jistax jezonera lill-konvenut mir-responsabbilta tieghu li jaghmel tajjeb ghad-danni li kkaguna fl-incident de quo. Dan apparti l-fatt li anke meta xehed il-konvenut (seduta tat-28 ta' Novembru 2002) jidher li kien ghadu ma ddecidiex jekk kienx jaqbilu jaghmel *claim* ma' l-*insurance*. Lanqas mhi skuza li l-konvenut ighid li ma nghatax informazzjoni fejn seta' jikkomunika mas-sewwieq. L-okkorenza li ghamel l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz fiha d-dettalji kollha mehtiega.

Ghal dawn il-motivi u ragunijiet, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija u erbgha u tmenin lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm184.29) bhala danni.

L-ispejjez (mhux inkluzi d-drittjiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

---------------------------------TMIEM---------------------------------